MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Numru. 1284/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**vs**

**Kenneth Ian Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Kenneth Ian Azzopardi ta’ 31 sena, iben Clement u Jane nee’ Chetcuti imwieled San Giljan fis-26 ta’ Lulju 1980 u residenti ‘Zephyr Flts’ Flt 5, Victory Street, Gzira u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0381480M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1)Fl-20 t’ Ottubru 2011 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li

jkun, indahal biex ibieghuhom jew imexxihom meta kien jaf li l-haga kienet gejja minn serq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 25 ta' Jannar 2013 (esebita a fol. 141 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

fl-artikolu 334 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-5 ta' Lulju 2013, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-4 ta' Awwissu 2011 ghall-habta tal-11.15am insteraq vann bil-kaxxa wara tal-marka Isuzu Elf u bin-numru tar-registrazzjoni HBC 702 minn Valletta Road, Qormi meta dan il-vann kien bic-cwievet fl-ignition ghaliex il-propjetarju tieghu, certu Jeffrey Theuma, kien qed inizzel xi affarijiet f'construction site fl-istess triq. Dakinhar stess sid il-vann ghamel rapport dwar dan is-serq. [1] Fl-20 ta' Ottubru 2011 ghall-habta tas-7.30pm Elton Theuma[2] li huwa hu d-derubat Jeffrey Theuma kien gahddej minn Had-Dingli fejn lemah vann f'garaxx li kellu l-bieb miftuh berah u huwa gharaf il-kaxxa tal-vann bhala dik tal-vann li nsteraq lil huh. Meta huwa dahal fil-garaxx u spezzjona il-vann li kienet imwahla fuqu din il-kaxxa huwa nduna li anki l-bieba tal-passiggier kienet dik tal-vann li nsteraq lil huh. Elton Theuma spjega li meta huwa staqsa lill-propjetarju tal-vann li fuqu kienet imwahhla l-kaxxa minn fejn kien xtara din il-kaxxa dan irrispondieh li l-kaxxa kienet tieghu

[1] Rapport relattiv inserit a fol. 27 sa 32 tal-atti processwali.
[2] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2012 u tal-4 ta' Dicembru 2012

u ma tahx aktar informazzjoni u meta Theuma mbaghad qallu li dik il-kaxxa kienet tieghu u li kien ser icempel lil Pulizija din il-persuna li huwa identifika bhala l-imputat qallu li kien mghaggel u kien ser jaghlaq. Elton Theuma spjega li huwa mbaghad cempel lil huh u l-Ghassa u qaghad fuq il-post jistennihom jigu. Kemm Elton Theuma kif ukoll Jeffrey Theuma[3] spjegaw kif huma setghu jgharfu l-kaxxa u l-bieba fejn fost affarijiet ohra spjegaw li l-kaxxa kienet maghmula lokalment u kellha welding specjali u cappetti u pinnijiet differenti min-normal u kien hemm xi daqqiet li kellha immedjatament qabel mal-vann insteraq li kienu ghadhom fuqha. Inoltre il-bieba setghat tintgharaf minn xi hsara li kien hemm fit-tapezzerija. Meta marru l-Pulizija fuq il-post[4] l-imputat qalilhom li huwa kien xtara l-kaxxa minghand persuna li ma kienx jaf min hi u li kien xtara l-bieba minghand il-kugin tieghu Sean Micallef. Meta mar dan Sean Micallef fuq il-post u nnega li huwa kien biegh il-bieba tal-vann lill-imputat dan tal-ahhar biddel il-verzjoni u qal li kien xtara kemm il-kaxxa kif ukoll il-bieba minghand din il-persuna mhux maghrufa.

L-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija li tinsab inserita a fol. 4 u 5 tal-atti processwali kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta’ Settembru 2013 sostna li lejn l-ahhar ta’ Awwissu jew il-bidu ta’ Settembru 2011 filghaxija huwa kellu t-trukk tieghu li kien minghajr kaxxa parkeggjat barra l-garaxx tieghu f’Had-Dingli fejn huwa kien qed jimla’ bowser bl-ilma meta waqaf ragel f’karozza u staqsih jekk kienx interessat jixtri kaxxa ghall-vann tieghu. L-imputat spjega li dan ir-ragel qalu li kellu vann li kien involut f’incident awtomobilistiku fejn kellu daqqa kbira fuq quddiem u kien ‘beyond economical repair u qallu li seta’ jbieghlu kemm il-kaxxa kif ukoll il-bieba tal-passiggier. L-imputat jghid li huwa informa lil din il-persuna li huwa kien imhabbat hafna u dan qallu li seta’ jiehu hsieb hu u jgiblu l-kaxxa u l-bieba sabiex jitpoggew fuq il-vann u qallu li seta’ jara li kienu jaqblu mal-vann tal-imputat. Dejjem skond l-imputat huwa ta l-mobile number

[3] Li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta Mejju 2012 u tat-18 ta’ Jannar 013.
[4] Vide xhieda ta’ PC622 Alan Formosa u PC51 Paul Sciberras li xehdu fl-udjenza tal-10 ta’ Mejju 2012.

tieghu lil dan ir-ragel li kellu jcempillu xi jiem wara sabiex jghidlu meta kien ser jehodlu l-kaxxa u l-bieba u jispjega li xi jiem wara dan cempillu u ftehmu meta kellu jmur. L-imputat qal li dan ir-ragel kien hadlu l-kaxxa u l-bieba b'vann abjad b'high up u kien hadlu wkoll il-boldijiet sabiex titwahhal il-kaxxa li meta giet impoggija fuq il-vann tieghu iffitjat tajjeb. L-imputat jghid li huwa kien ftiehem fuq prezz ta' €3,000 ghal din il-kaxxa u l-bieba u fil-fatt hallas dan l-ammont in kontanti lil dan ir-ragel. L-imputat qal li huwa ma kienx talab lil dan ir-ragel la ghall-mobile number u l-anqas ghal ismu u l-indirizz u huwa ta' identity kit pjuttost vag ta' din il-persuna lill-Pulizija. L-imputat sostna li huwa gideb dwar minn fejn kien xtara l-bieba ghaliex beza' mill-Pulizija ghaliex qal li huwa ma kienx imdorri b'dawn l-affarijiet.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Generali fin-Nota t' Rinviju ghall-Gudizzju tal-25 ta' Jannar 2013 indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 334 u 279(b) tal-Kodici Kriminali u cioe' ghar-reat ta' ricettazzjoni ta' oggetti misruqa.

Illi sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru s-segwenti tlett elementi u cioe' :

1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;
2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima u
3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim **"Il-Pulizija vs. Bugelli"** [24.1.1942]**; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"** [25.10.2002])

L-element formali ta' dan ir-reat hu li l-imputat kien jaf bil-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jirrizulta kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-**

**Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] kien gie ritenut li :-

"*Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghlaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun ircieva jew xtara l-oggett filwaqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu u b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn sabiex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Briguglio"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Dimech"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. George Tabone"** [24.6.1961] u "**Il-Pulizija vs. Tancred Borg"** [26.10.1998]).

S'intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo"** [21.3.1953]; "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb"** [16.12.1998] u ohrajn) Kif jghid il-KENNY :

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them."*

Illi kif qalet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza il-Pulizija vs. Vincent Calleja (30 ta’ Novembru 1978):

“Din il-Qorti tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-element tax-*scienter* mehtieg f’dan ir-reat ghal dan u cjoe’, illi l-imputat qal fid-deposizzjoni tieghu illi ma kienx jaf min kien il-guvni li xtara minghandu u lanqas staqsieh min kien, kif ukoll lanqas staqsieh mnejn dan kien gab l-istess oggetti u ghalkemm il-venditur kien gie b’car, Mini bajda biex jaghmel il-konsenja l-imputat lanqas zamm jew innota n-numru ta’ l-istess car. Issa fil-fehma tal-Qorti dan jimplika ix-scienter...”

Waqt li fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Grima (2 ta’ Marzu 1978 l-Qorti qalet:

“...l-ghaliex, skond id-dottrina u l-gurisprudenża l-element essenzjali tax-*scienter* fir-ricetazzjoni huwa kwazi dejjem dedott mill-prezz irhis u mhux realistiku tal-oggett mixtri”.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta’ dawn il-principji ta’ dritt fil-kaz odjern il-fatti jaghtu x’jifhem lil din il-Qorti li l-imputat seta’ b’mod ragonevoli jissuspetta li dawk l-oggetti li xtara minghand il-persuna li jghid li ma kienx jaf min hi kienu gejjin minn att illecitu. Illi fil-mori tal-kawza gie pruvat li dawn l-oggetti li nstabu fil-pussess tieghu kienu parti mill-vann propjeta’ ta’ Jeffrey Theuma li nsteraq minn Hal-Qormi fl-4 ta’ Awwissu 2011. Il-Qorti jidrilha li huwa pjuttost inverosimili li l-imputat ma ssuspetta xejn hazin meta persuna mhux maghrufa lilu avvicinatu sabiex tbieghlu kaxxa ta’ vann u bieba li mid-dokumenti nseriti a fol.122 jidher li kienu jiswew €6,300 ghall-prezz ferm inferjuri ta’ €3,000. Il-Qorti inoltre ma tistghax tifhem kif l-imputat seta’ accetta li jixtri dawn l-affarijiet u jhallas certu ammont ta’ flus ghalihom minghajr ma jistaqsi l-isem u d-dettalji tal-persuna li kienet qed tbieghomlu u dan fl-eventwalita’ li jinqala’ xi haga wara li l-affarijiet gew konsenjati lilu. Ic-cirkostanzi tal-kaz bhall-mod kif gie avvicinat l-imputat u l-mod kif saret il-konsenja u kif gie effetwat il-pagament huma inoltre indikazzjoni inekwivoka li l-imputat ma setghax ma ssuspetta xejn hazin dwar il-provenjenza tal-oggetti li huwa kien qed jixtri. Ir-rejazzjoni tal-imputat meta a tempo

vergine gie mistoqsi minn fejn kien akkwista l-kaxxa u l-bieba in dizamina fejn huwa ghall-ewwel indika li kien xtara l-bieba minghand kuginuh izda mbaghad biddel il-verzjoni hija prova ulterjuri li l-imputat kien jaf ben tajjeb li l-oggetti li nstabu fil-pussess tieghu kellhom provenjenza illecita. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u fic-cirkostanzi jidrilha li piena karcerarja sospiza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-25 ta’ Jannar 2013 u senjatament l-Artikoli 334 u 279(b) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn(2) millum. B’applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna lill-imputat sabiex sa zmien tlett(3) gimghat millum jirrestitwixxi lil Jeffrey Theuma il-kaxxa u l-bieba tal-vann Isuzu Elf li nstabu fil-pussess tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------